# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 11 ta' Ottubru, 2001**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 189/94 JF**

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta.**

**vs**

**Emanuel Cachia bhala Direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Rock Cut Limited. U b'nota tad-19 ta' Frar 2001 tas-socjeta' Rock Cut Limited li biha stante l-**

**mewt ta' Emanuel Cachia fil-mori, assumiet l-atti ta' din il-kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Billi l-konvenut nomine, fl-20 ta' Ottubru 1992, waqt li kien qed ihaffer fi Triq it-Tempesta, Qrendi, laqat "high tension cable" proprjeta' tal-attur nomine;

Billi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi "cable" jammontaw ghal tliet mija u hamsa u erbghin lira Maltin, wiehed u sittin centezmu u hames millezmi (Lm 345.61,5);

Billi ghalkemm il-konvenut nomine gie nterpellat permezz ta' ittra legali datata 28 ta' Gunju 1993 u ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru 1993 huwa baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjarah nomine responsabbli ghall-hsara kkawzata fi proprjeta' tal-attur nomine hdejn fi Triq it-Tempesta, Qrendi, fl-20 ta' Ottubru 1992;

2. Tikkundannah nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm 345.61,5 in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta' kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 28 ta' Gunju 1993 u tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru 1993, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kienx responsabbli tal-hsara allegatament kagunata;

2. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma assurdi.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti; il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta u rat il-verbali u depozizzjonijiet li nstemghu mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Fl-ewwel lok tordna l-isfilz tan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur nomine li giet ipprezentata bla awtorizzazzjoni;

Ikkunsidrat li mill-provi li gew prodotti jirrizulta b'mod mill-aktar evidenti li fil-kors ta' xoghlijiet ta' thaffir ta' trinka f'Ottubru 1992 fi Triq it-Tempesta, Qrendi, da parti ta' haddiema mas-socjeta' konvenuta Rock Cut Limited, gie milqut u maqtugh "cable" ta' l-elettriku. Apparti minn dak li hemm imnizzel fir-rapport maghmul mill-Ispettur tal-Pulizija tad-Distrett, ara dokument a fol. 17 tal-process, u x-xhieda in konferma, ma giet prodotta l-ebda xhieda biex tikkontradici l-akkadut. Irrizulta inoltre li filwaqt li skond ma xehed id-Direttur tas-socjeta' konvenuta, Emanuel Cachia, huma kienu pjenament konsapevoli tal-procedura li trid tigi addottata qabel ma jsir xoghol ta' din il-kwalita', fil-fatt ma tirrizultax il-prova li gie

ottenut permess mill-Enemalta. Huwa minnu li x-xhud Cachia jghid li *"f'dan il-kaz kellna permess"* u li qal ukoll li *"probabilment qieghed ghandi u nipprova nipproducih"* imma effettivament baqa' ma pproduca xejn. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi hadd prezenti mill-Korporazzjoni attrici waqt il-qtugh tat-trinka u l-ebda marki jew sinjali ma tqeghdu qabel ma sar it-thaffir mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta biex tigi ssenjalata l-prezenza o meno ta' "cable" taht it-triq – kif irrizulta li kien hemm. Jekk stess kien hemm xi forma ta' permess dwar ix-xoghlijiet b'mod generali, skond is-Senior Technical Officer, Lawrence Zammit (fol. 69), jirrizulta li,

> *"F'dan il-kaz huwa (i.e. l-impjegati tas-socjeta' konvenuta) naqas li jigi jghidilna meta ser jibda. Huwa fil-fatt kien beda jhaffer u laqat il-'cable' fuq il-'farmhouse' kif jidher fil-pjanta ……"*

Bhala <u>quantum</u> tad-danni li gew ikkaggjonati lill-Korporazzjoni, hemm talba fl-ammont globali ta' Lm 345.61c. Gie esebit prospett tad-danni – ara Dok SD, a fol. 37 tal-process. Xehdu wkoll haddiema tal-Enemalta li kienu involuti fix-xoghol ta' tiswija u gie esebit prospett iehor a fol. 52 li juri dettaljatament kemm thallas kull impjegat ghal "labour charges". Illi apparti l-"parts" imqeghda, il-Korporazzjoni talbet ukoll dak li sejhet "Corporation Charge" li skond ma xehed Silvio Decelis, din kienet tirraprezenta impozizzjoni ta' hlas addizzjonali b'percentwal ta' 35% fuq

l-ammont biex taghmel tajjeb ghal fatt li l-Enemalta tkun halliet a dispozizzjoni ta' kontingenzi jew emergenzi simili li jkunu jridu jissewwew bla dewmien minhabba l-inkonvenjent lill-pubbliku u anke biex id-dannu lit-terz ma jikbirx aktar milli mehtieg. Din il-Qorti, filwaqt li tifhem li xi forma ta' "back up force" trid tassew tigi mizmuma ghar-raguni indikata mill-Enemalta, fl-istess hin jidhrilha li l-percentwal huwa wiehed elevat wisq, ghaliex ukoll wiehed ma jridx jinsa li ma' dan l-ammont, gie reklamat diga' l-ammont l-iehor ta' Lm 70.45c bhala "labour charge". Minbarra dan, lanqas jaghmel ghal kollox sens li l-percentwal jigi kkalkolat fuq il-"parts" li jkunu gew uzati fix-xoghol ta' riparazzjoni. Ghalhekk il-partita reklamata bhala "Corporation Charge" fl-ammont ta' Lm 89.60c, qeghda "arbitrio boni viri" tigi ridotta u ffissata fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm 25). Dan ifisser li l-ammont tas-sorte irid jonqos bl-ammont ta' Lm 64.60c, rapprezentanti d-differenza tas-somma mitluba bhala "Corporation Charge", u dik likwidata mill-Qorti. Illi ghalhekk ukoll is-sorte globalment gew ridotti b'dana l-ammont ghal mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm 281), u dana per saldu tad-danni. Jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta ma effettwat l-ebda depozitu dwar danni jew offriet xi somma lill-kontroparti.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, b'dana li ghal fini tat-tieni talba qeghda tirriduci l-ammont tas-sorte ghall-ammont ta' Lm 281.00 u qeghda tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur nomine dana l-ammont flimkien mal-interessi kif mitlub fuq dana l-ammont sal-hlas effettiv. Il-kap ta' l-ispejjez jithallas ukoll mis-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md